SAN LAWRENZ

Il-Minuti tal-kontinwazzjoni tas-sitt laqgħa tas-Seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tnejn 31 ta' Awwissu, 2015 fit-3.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| ***Sindku:*** | Is-Sur Noel Formosa |
| ***Viċi-Sindku:*** | Is-Sur Anthony Formosa |
| ***Kunsilliera:*** | Is-Sur Franco Buhagiar |
| | Is-Sinjorina Carmela Grima |
| | Is-Sur Joseph Michael Cauchi |

***Aġent Segretarju Eżekuttiv:*** Is-Sinjura Josephine Sultana

L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ, is-Sinjorina Renee Formosa kienet skużata.

**1.0 Talba**

Il-laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku, is-Sur Noel Formosa u nbdiet b'talba.

**6.0 Attività għall-anzjani**

6.1 Is-Sindku semma' l-attività tal-anzjani li kienet ser issir fi żmien il-festa. Huwa qal li ser isir tentattiv biex issir xi darba s-Sibt f'nofsinhar. Sar qbil li ssir ikla u se ngħidu lil tal-folk sabiex isajru huma. Bħala post ser issir jew fiċ-Ċentru Parrokkjali jew fis-sala tal-iskola.

**8.0 Materji Oħra**

8.5 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa, ssuġġerixxa li jibda jsir suq fil-beraħ fil-pjazza ta' San Lawrenz. L-iskop ta' dan is-suq huwa li bdiewa jew produtturi, speċjalment minn dan ir-raħal, ikollhom l-opportunità li jbiegħu l-prodotti tagħhom.. Din l-attività tgħin fil-produzzjoni tal-biedja u hija mezz ukoll fejn nistgħu nagħmlu aktar użu mill-pjazza prinċipali. Il-membri qablu ma' dan il-prinċipju. Il-Kunsillier, is-Sur Franco Buhagiar issuġġerixxa li jiġi nvolut anke' l-grupp tal-Folk u anke' għaqdiet oħrajn. Ġie ssuġġerit li dan almenu jkun darba kull xahrejn. Irridu noqgħodu attenti li din l-attività ma tiltaqax ma' attivitajiet oħra simili. Is-Sur Franco Buhagiar qal li trid tibda tajjeb. Irid ikun hemm attività kontinwa sabiex il-pjazza tibqa' ħajja l-ħin kollu. Issemma' u kien hemm qbil li jrid ikun hemm pubbliċità tajba u nagħmlu użu anke' mill-media soċjali permezz tal-Facebook. Ġie deċiż li l-ewwel tentattiv għal dan is-suq fil-beraħ ser ikun l-ewwel Ħadd ta' Novembru. Se nippruvaw li nġibu l-*stalls* mill-MTA. Il-pjazza ser tingħalaq għat-traffiku u Triq id-Duluri ssir *two-way.*

8.6 Rigward l-iskema 'Art in Public Spaces Programme 2016-2018', is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li l-artist, is-Sur Joseph C. Scerri, tah disinn li ppreżentah fil-laqgħa tal-Kunsill. Id-disinn jirrappreżenta dak li ġie miftiehem f'laqgħat preċedenti jiġifieri logħob tradizzjonali minn żewġt itfal qed jilgħabu fit-triq, parti mill-ħajja ta' kuljum tal-passat. Din l-istatwa qed tiġi proposta li titpoġġa mal-ġenb taz-zuntier. Hemm imdaħħla wkoll qattusa li tidher bejn il-kolonni tal-istess zuntier. Inqrat

ukoll *e-mail* li bagħat l-istess artist. Il-Kunsill iddiskuta dan id-disinn. Saru xi emendi żgħar. Dawn l-emendi se ngħadduhom lill-artist biex hekk ikun jista' jibgħat il-proposta finali.

8.7 Is-Sur Ġanni Attard reġa' kellem lis-Sindku, is-Sur Noel Formosa dwar il-ħsara li qed jgħid li saritlu fl-isqaq. Intqal li dak li hu dritt tiegħu għandu jieħdu. Se jitranġa dak li tkisser waqt ix-xogħol li sar mill-Kunsill. Fil-privat m'hu se jsir xejn. Il-Viċi Sindku, is-Sur Anthony Formosa qal li hemm ritratti ta' kif kien qabel l-isqaq. Għalhekk se naraw x'kien hemm fir-ritratti biex hekk it-taraġ jerġa' jsir kemm jista' jkun fl-istat oriġinali li kien. Dawn ir-ritratti kienet bagħtithom il-Perit Ivana Farrugia lis-Sur Joe Grima l-kuntrattur. Se nippruvaw li nakkwistaw ukoll kopja tagħhom biex jiġu arkivjati l-Kunsill.

8.8 Il-Viċi-Sindku, is-Sur Anthony Formosa, qal li hemm tabella fejn il-Knisja li tindika għal *restaurant* u qegħda fil-baxx u kif inhi qegħda ta' periklu għax wieħed jista' faċilment jaħbat magħha. Se niġbdu l-attenzjoni ta' min waħħal din it-tabella biex iwaħħalha aktar 'il fuq.

Is-Sur Anthony Formosa nnota wkoll li tabella qabel taqbad il-Knisja fi Triq Ċangura qegħda fuq kanna maqtugħa. Se ngħidu lill-ħaddiem assenjat magħna sabiex jibdel din il-kanna.

Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa semma li hemm bżonn tabella għad-Dwejra fi Triq Ċangura malli toħroġ min Triq il-Wileġ.

Għalissa tabelli ser isiru dawk li hemm fuq l-istima li bagħtilna s-Sur Oliver Farrugia u wara ser isiru tabelli oħrajn li hemm bżonn li jinbidlu.

8.9 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa reġa' semma' li dwar l-*open skip* ta' nhar ta' Sibt, qed jerġa' jkun hemm il-problemi peress li xorta qed jitlaq kmieni. Ġie deċiż li xi Sibt fil-futur qarib tmur l-Aġent Segretarju Eżekuttiv peress li l-kuntrattur ma jafhiex, u ssegwi x'ħin qed jiġi u x'ħin qed jitlaq il-kuntrattur li jipprovdi dan is-servizz.

8.10 Ilment mingħand il-mara tas-Sur Joe Farrugia dwar ħofra li hemm fi Triq il-Wileġ. Se nixtru l-materjal biex dan il-*patching* ikun jista' jsir.

Il-Kunsilliera, is-Sinjorina Carmela Grima ġibdet l-attenzjoni li l-*gutters* li hemm f'din it-triq m'humiex jirċievu l-ilma tax-xita kif suppost peress li jonqos kisja oħra tat-tarmak. Ġie ssuġġerit li jsir *gutter* ieħor biex l-ilma jaqa' fih u li 'l quddiem meta ssir it-tieni kisja jingħalaq. Se nikkuntattjaw lis-Sur Victor Hili tar-Road Construction u niddiskutu din il-problema miegħu peress li kienet din il-kumpanija li għamlet ix-xogħol f'din it-triq.

8.11 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li fiċ-*Child Care Centre* hemm bżonn li jsir xi żebgħa tal-għamara li hemm biex tkun aktar attreanti għat-tfal li jattendu dan iċ-ċentru. Ġie deċiż li ngħidu lis Sur Mark Fiteni biex jagħmel ix-xogħol meħtieġ.

8.12 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li l-Viċi Sindku, is-Sur Anthony Formosa, introduċih mas-Sinjura Monika Gergelova, mara frustiera li ġiet toqgħod San Lawrenz. Is-Sinjura Gergelova hija esperta fil-logħba taċ-ċess u tixtieq tagħti korsijiet lit-tfal u lil kbar biex tgħallem din il-logħba lil dawk interessati. Il-Kunsill qabel li dawn il-lezzjonijiet għandhom isiru u ġie deċiż ukoll li jsiru korsijiet oħrajn bħal tal-bizzilla u pittura. Fil-fuljett li jmiss se nħabbru dawn il-korsijiet biex naraw kemm hemm interessati li jattendu.

8.13 Il-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi ppreżenta stimi ta' *pressure washers*. Il-Kunsill iddiskuta dawn l-istimi u ġie deċiż li għalissa nħalluha peress li ġejja x-Xitwa. Imbagħad jekk ikun il-bżonn nixtruha għal Mejju/Ġunju meta jkun dieħel is-Sajf. Sadanittant is-Sur Anthony Formosa jaf persuna minn Malta li jkollu għodda ta' kwalita' tajba u rħisa u se jġib stima minn għandu wkoll.

8.14 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li l-kumpanija WasteServ Malta organizzat laqgħa dwar il-*European Week for Waste Reduction*. Din l-attività ser tiġi organizzata fl-aħħar ġimgħa ta' Novembru kemm f'Malta kif ukoll diversi pajjiżi Ewropej. Għalhekk qed iħeġġu lill-Kunsilli Lokali u entitajiet oħra biex f'din il-ġimgħa tiġi organizzata attività li tippromwovu t-tnaqqis u l-immaniġġjar iktar għaqli tal-iskart. Dan il-punt ser jiġi diskuss f'laqgħa oħra tal-Kunsill.

8.15 B'referenza għall-korrispondenza li kien hemm fl-ewwel parti ta' din il-laqgħa dwar għajnuna biex jiġu organizzati attivitajiet kulturali, is-Sindku, is-Sur Noel Formosa ssuġġerixxa li napplikaw fuq l-attività kollha konnessa mal-*pageant* tal-Milied li ilu jiġi organizzat għal diversi snin f'lejliet il-Milied f'San Lawrenz. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment.

8.16 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa, qal li kellu invit mill-kommunità ta' Amaseno fl-Italja sabiex jattendi għall-għeluq tal-Ġublew ta' San Lawrenz u biex jitkompla l-proċess tal-ġemellaġġ li kien diġà mibdi. Huwa qal li l-Kunsill ta' qabel kien iffirma protokoll biex isiru attivitajiet bejn iż-żewġ kommunitajiet. L-attività prinċipali ser tkun nhar it-12 ta' Awwissu, 2015. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jattendi biex jirrapreżenta l-kommunità ta' San Lawrenz u l-vjaġġ bl-ajru se jitħallas mill-fondi tal-Kunsill.

8.17 Il-Kunsilliera, is-Sinjorina Carmela Grima tat rendikont tal-laqgħa li attendiet fuq id-Dwejra taħt il-proġett Natura 2000. Hija qalet li hemm flus allokati biex jintefqu fuq id-Dwejra u l-Qawra. Il-*Management plan* jinstab fuq *web site* apposta fejn wieħed ikun jista' jarah u wara jissottometti s-suġġerimenti jew proposti li jistgħu jiżdiedu ma' dan il-*management plan*. Is-Sinjorina Grima qalet li anke' ssemmew passaġġi li jistgħu jsiru.

SAN LAWRENZ

8.18 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li hemm stedina għal-laqgħa ta' konsultazzjoni qabel il-Budget. Min irid jista' jattendi.

## 10.0 Għeluq u data għal-laqgħa oħra

Il-laqgħa spiċċat fil-5.00 ta' fil-għaxija. Il-Kunsill aġġorna għal nhar l-Erbgħa 30 ta' Settembru, 2015 fl-4.30 pm.

***Noel Formosa***
***Sindku***

***Josephine Sultana***
***Aġent Segretarju Eżekuttiv***